31994R3272

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 3272/94
tas-27 ta' Diċembru 1994
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] fuq in-nomenklatura tat-tariffa u tal-istatistika u fuq it-Tariffa Komuni Doganali, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3737/94 [2] u b'mod partikolari Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ippreskriva regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda u dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija għal kollox jew f'parti bażati fuqu jew li żżidlu kull suddiviżjoni oħra u li huwa stabbilit b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, biex tkun applikata t-tariffa u miżuri rigward il-kummerċ fil-merkanzija;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża mar-Regolament preżenti jridu jiġu kklassifikati skond il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet dikjarati fil-kolonna 3;

Billi huwa aċċettat li l-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-merkanzija fin-nomenklatura maqgħuda u li ma tikkonformax mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, jistgħu jissoktaw ikunu invokati, taħt id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi tad-Dwana tal-Komunità [3], għall-perjodu ta' tliet xhur mid-detentur;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tat-Taqsima tan-Nomenklatura tat-Tariffa u tal-Istatistika tal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża huma issa kklassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

L-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri li ma tikkonformax mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, jistgħu jissoktaw ikunu invokati, taħt id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għall-perjodu ta' tliet xhur.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fi-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 335, tat-23.12.1994, p. 56.
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Boċċa tal-azzar miksija bil-gomma tas-silikon u li tħares l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin: — ebusija *shore* (Tip A of 70 ± 5, — linja mqabbża ta' fejn taqta' l-forma ma taqbiżx 0,05 mm, — dijametru li ma jaqbiżx 22 mm, u — piż totali ta' 31 gramma (± 1 gramma) disinjat għall-użu fil-mannifattura ta' apparat li juri (hekk imsejjaħ "*compjuter mouse*".	8473 30 90	Klassifikazzjoni hija determinata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, Nota 2 b) tat-Taqsima XVI u bil-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8473, 8473 30 u 8473 30 90.
2. Floppy disk li fuqha sinjal (wave-form) analogu huwa reġistrat matul il-manifattua, biss għall-iskop tal-verfika tal-kwalità tal-kisja manjetika tad-diska.	8523 20 90	Klassifikazzjoni hija determinata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, u bil-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8523, 8523 20 u 8523 20 90. Billi s-sinjal analogu ma jistax ikollu skop ieħor wara l-mannifattura, dan is-sinjal ma jistax ikun konsidrat bħala reġistrazzjoni fit-tifsira tal-intestatura 8524.
3. *Junction box* għal sistemi tal-*cable television*, li jkunu magħmula minn kaxxa tal-metall (daqs approssimat ta' 10 × 10 × 7 cm) mgħammra b' *cable inputs* u *terminals*. Il-kaxxa jkollha ċirkuwitu elettriku b'numru ta' kompenenti elettriċi (bħal *coils*, *transformers*, resistenzi u *capacitors*) u konnessjonijiet. Il-junction box fid-disinn u l-funzjoni mhux apparat biex isiru konnessjonijiet ma' jew ġo ċirkuwiti elettriċi fit-tifsira tal-intestaturi 8536. Għalkemm użat bħala parti għas-sistemi tat-*television*, huwa apparat li għandu funzjoni individwali.	8543 80 80	Klassifikazzjoni hija determinata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, u bil-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8543, 8543 80 u 8543 80 80. Il-funzjoni tal-junction box huwa biex jitnaqqas is-sinjal tal-vultaġġ mogħti mill-cable lis-sett tat-television u, permezz ta' filtru, ma jħallix li l-vultaġġ tal-provista għall-amplifikaturi milli jilħaq is-settijiet tat-television.